MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 32/2014 LM

**China Malta International (C.M.I.) Limited (C41621)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **China Malta International (C.M.I.) Limited (C 41621)**, [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-12 ta' Ottubru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li

kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà rikorrenti, id-deċiżjoni vera u proprju tal-intimat **Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** [hawnhekk 'l-appellat'] fil-konfront tagħha, u li abbażi tagħha nħarġu l-istimi mertu ta' dan l-appell, mhijiex kontenuta fl-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014, iżda fl-Avviż tad-19 ta' Frar, 2014.

**<u>Fatti</u>**

2. Fir-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti spjegat li fil-konfront tagħha nħarġu numru ta' stejjem mill-intimat bid-data tas-27 ta' Frar, 2014. Ir-rikorrenti spjegat li f'dawn l-istejjem hemm indikat l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud aġġustat, it-taxxa amministrattiva u l-imgħaxijiet li għandhom jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti għal sbatax-il perijodu fiskali bejn l-1 ta' Diċembru, 2007 sat-30 ta' Novembru, 2011. Ir-rikorrenti spjegat li skont id-denunzji mibgħuta minnha lill-intimat għall-istess perijodi fiskali, hemm indikata l-pożizzjoni fiskali preċiża kif maħruġa mill-informazzjoni finanzjarja tas-soċjetà rikorrenti, in vista tan-natura tax-xogħol tagħha. Żiedet tgħid li minkejja dan, l-intimat ħassar u kkanċella d-denunzji kollha sottomessi minnha mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida fil-liġi. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hija ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni tal-intimat, u għalhekk intavolat appell quddiem it-Tribunal kontra dawn l-istejjem. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li dawn l-istejjem huma nulli stante li l-ittra tal-4 ta' Marzu, 2014 mibgħuta lilha hija nieqsa mill-motivazzjoni ħlief għall-kliem ġeneriku "*the Department did not accept the amount (sic) that you indicated ...*". Ir-rikorrenti qalet li fil-fażi ta' deċiżjonijiet kważi-ġudizzjarji, waħda mir-rekwiżiti hija l-preżenza ta' motivazzjoni ċara dwar

ir-raġunijiet għalfejn tkun ittieħdet deċiżjoni partikolari, u qalet li in via preliminari, qegħda tqajjem l-eċċezzjoni preliminari li l-istejjem maħruġa mill-intimat ikunu ddikjarati nulli u bla effett stante li mhumiex immotivati. Qalet ukoll li dawn l-istejjem huma invalidi fil-mertu għaliex ħarġu taħt preżunzjonijiet, assunzjonijiet, premessi u spjegazzjonijiet żbaljati, kif ukoll inħarġu b'mod arbitrarju bi proċess ta' *review* ivvizzjat, stante li minkejja l-ispjegazzjonijiet u r-rikjesta formali, l-intimat injorahom kompletament u lanqas wieġeb il-komunikazzjoni formali mibgħuta minnha.

**<u>Mertu</u>**

3. Flimkien mar-rikors tagħha, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja ta' ittra mibgħuta minnha lid-Direttur Ġenerali intimat datata 26 ta' Frar, 2014, flimkien mal-kopji tad-denunzji tat-taxxa mibgħuta minnha fil-perijodu rilevanti.

4. Fir-risposta tiegħu l-intimat wieġeb li s-soċjetà rikorrenti kienet applikat sabiex tibda l-attività ekonomika tagħha b'effett mill-15 ta' Ġunju, 2007, u din l-attività ekonomika kienet tinvolvi t-tmexxija ta' ristorant. Qal li huwa kien iddelega lit-*Tax Compliance Unit* sabiex tibda investigazzjoni fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, u kien talab spjegazzjonijiet u kien għamel għadd ta' domandi leġittimi li għalihom huwa baqa' mingħajr risposta. L-intimat qal li kien fl-aħjar interess tas-soċjetà rikorrenti li tistrada l-affarijiet għall-benefiċċju tal-verità, u sabiex ma jinħela l-ħin ta' ħadd. L-intimat qal li minn din l-investigazzjoni rriżulta li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tiddikjara l-*Output VAT* u ddikjarat biż-żejjed *Input VAT,* u din kienet ingħatat spjegazzjoni ta' x'kien ser ikun l-eżitu ta' din l-investigazzjoni. L-intimat qal li min-naħa tiegħu huwa kien ħareġ bi proposta

sabiex il-kwistjoni tingħalaq, iżda li s-soċjetà rikorrenti m'għamlet l-ebda reazzjoni għal din il-proposta li saritilha. Qal ukoll li fit-13 ta' Novembru, 2013 huwa kien kiteb lis-soċjetà rikorrenti u infurmaha bl-eżitu ta' din l-investigazzjoni, u mal-ittra kien hemm annessi l-istejjem provvizorji u estratt mir-rapport tal-investigazzjoni, li r-rikorrenti ġiet innotifikata bihom fl-20 ta' Novembru, 2013. Qal ukoll li fit-28 ta' Novembru, 2013, huwa kien ġie nnotifikat bit-talba tas-soċjetà rikorrenti għal *review* għaliex kien hemm nuqqas ta' qbil ma' dawn l-istejjem, billi s-soċjetà rikorrenti qalet li kienu invalidi fil-fatt u fid-dritt u maħruġa fuq assunzjonijiet żbaljati. L-intimat qal li in vista ta' din l-ispjegazzjoni daqstant 'eżawrjenti' min-naħa tas-soċjetà rikorrenti fit-talba tagħha għal *review*, fit-3 ta' Diċembru, 2013 huwa kien talab lis-soċjetà rikorrenti tispjega għal liema raġuni hija ma kinitx qegħda taqbel mal-istejjem proviżorji, flimkien mar-raġunijiet għalfejn ma pprovdietx l-informazzjoni rikjesta minnha fl-istadju tal-investigazzjoni. L-intimat qal li s-soċjetà rikorrenti għal darb'oħra għażlet li tibqa' inadempjenti meta ġiet biex tissostanzja l-argumenti tagħha permezz ta' dokumentazzjoni. Qal li quddiem dawn l-inadempjenzi, huwa ma kellu l-ebda għażla għajr li jikkonferma l-istejjem proviżorji fl-intier tagħhom, sabiex jiġi mħares l-erarju pubbliku u jiġu osservati d-dettami tal-Kap. 406. L-intimat qal li huwa kien informa lis-soċjetà rikorrenti bl-eżitu tar-*review* permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar, 2014, fejn infurmaha li kien qiegħed jikkonferma l-istejjem in vista tal-inadempjenza tagħha sabiex tiġġustifika d-denunzji tat-taxxa li kienet intavolat.

5. L-intimat qal li huwa m'għandux ikun inkolpat bl-ebda ħtija għan-nuqqasijiet tas-soċjetà rikorrenti, partikolarment ladarba jirriżulta li din naqset

darbtejn milli tissottometti d-dokumentazzjoni meħtieġa biex tissostanzja l-argumenti tagħha. Qal li huwa mexa b'mod korrett fl-operat tiegħu, kif isir ma' kull pagatur tat-taxxa, u l-asserzjonijiet li saru mis-soċjetà rikorrenti huma frivoli. L-intimat qal li fil-kamp fiskali, l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-pagatur tat-taxxa, u f'dan l-istadju hija s-soċjetà rikorrenti li għandha iġġib prova li l-intimat wasal għal konklużjonijiet żbaljati. Qal li huwa ta lis-soċjetà rikorrenti kull opportunità sabiex tiġġustifika lilha nnifisha meta din kienet rinfaċċjata bin-nuqqasijiet li rriżultawlu waqt l-investigazzjoni. Qal ukoll li huwa ma mar kontra l-ebda norma stabbilita u każistika fl-operat tiegħu mas-soċjetà rikorrenti, li min-naħa tagħha ma kinitx preċiża meta ddikjarat li ma kien hemm l-ebda motivazzjoni ċara għat-teħid tad-deċiżjoni tiegħu. L-intimat spjega li fl-istadju tal-investigazzjoni huwa annetta estratt mir-rapport tal-investigazzjoni, filwaqt li fl-ittra tar-*review* huwa kien spjega li kien qegħed jikkonferma l-istejjem minħabba *lack of sufficient and reliable evidence* da parti tas-soċjetà rikorrenti. L-intimat qal ukoll li l-eċċezzjoni preliminari li qegħda tressaq s-soċjetà rikorrenti meta tinsinwa li l-istima trid tkun immotivata, imkien ma tinkwadra fid-dettami tad-IX Skeda li titkellem fuq l-invalidità tal-appelli. Qal ukoll li mhux kompitu tiegħu li jarroga għalih il-poteri li l-Kap. 406 u 490 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu lit-Tribunal fir-rigward ta' deċiżjonijiet li għandu jkollhom "motivazzjoni ċara", u għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi miċħuda għaliex ma tagħmilx stat ta' fatt fil-konfront tiegħu. Finalment l-intimat qal li min-naħa tiegħu huwa joġġezzjona għall-użu ta' ċertu kliem da parti tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront tiegħu. Flimkien mar-risposta tiegħu, l-intimat ippreżenta kopja tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà rikorrenti, kopja ta' *email* datata 25 ta' April, 2013, kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li saret fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti,

kopja tal-ittra tad-Direttur Ġenerali u tan-notifika lill-appellanti dwar l-istejjem provviżorji, kopja tal-applikazzjoni għar-*review,* kopja tal-ittra tad-Direttur Ġenerali lir-rikorrenti fejn talabha tagħti raġunijiet għalfejn ma taqbilx mal-istejjem provviżorji, u għalfejn ma ppreżentatx id-dokumentazzjoni fl-istadju tal-investigazzjoni, kopja tar-rapport tar-*review,* kopja tal-ittra tad-Direttur Ġenerali lir-rikorrenti sabiex jinfurmaha li kien ser jikkonferma l-istejjem proviżorji maħruġa minnu, kif ukoll kopja tan-notifika tal-istejjem lis-soċjetà rikorrenti.

6. **Dr Joseph Sammut**, aġent tas-soċjetà rikorrenti, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, spjega li dan huwa każ ta' kumpannja Ċiniża li topera *catering outlet,* u li ġiet investigata mit-*Tax Compliance Unit.* Ix-xhud qal li huwa kien bagħat madwar tliet ittri lil ċertu Jesmar Bilocca, u dan min-naħa tiegħu kien naqas li jwieġeb dwarhom, filwaqt li mill-eżerċizzju li sar kien ġie stabbilit li ċerti affarijiet ma jagħmlux sens teknikament.

7. **Ivan Bugeja**, rappreżentant tat-*Tax Compliance Unit [TCU],* xehed li s-soċjetà rikorrenti bdiet tiddikjara *net loss* kull sena mill-2007 'il quddiem. Qal li jekk wieħed iħares lejn il-*gross profit* ta' din il-kumpannija, dan lanqas m'huwa suffiċjenti biex ikopri l-ħlas tas-salarji tal-impjegati. Qal ukoll li s-soċjetà rikorrenti kellha biss tliet ħaddiema dikjarati, tnejn minnhom diretturi u l-ieħor *part-timer* li kien dikjarat li jaqla' elf u tliet mitt Euro f'sena. Qal li meta saret investigazzjoni dwar min huma l-*waiters* u min huma l-koki f'dan ir-ristorant, huma baqgħu mingħajr tweġiba, u għalhekk tqanqal dubju dwar jekk il-pagi dikjarati kellhomx ikunu aktar. Ix-xhud qal ukoll li l-*purchases* u l-*overheads* mill-*VAT returns* huma aktar mis-*sales* li hemm fil-*VAT returns.* Qal ukoll li d-depożiti

bankarji huma aktar mis-*sales* dikjarati, u jekk wieħed jikkonsidra ż-*Z readings* tal-kumpannija, wieħed isib li l-bejgħ tul ix-xahar ta' Diċembru kien ivarja minn għoxrin Euro kuljum għal mija u għaxar Euro kuljum, filwaqt li l-bejgħ tul ix-xhur tas-sajf kien ivarja minn ħamsa u ħamsin Euro kuljum sa mija u tnax-il Euro kuljum. Qal li għalhekk tqanqal suspett li s-*sales* kienu *underdeclared.* Qal li anki l-*opening stock* li fetħet bih il-kumpannija fl-2007 huwa ta' €4,840, meta tul dik is-sena din ma kellha *purchases* ta' xejn, u kellha *closing stock* ta' €3,543, li jfisser li madwar tliet kwarti tal-istokk li fetħet is-sena bih baqa' għandha. Ix-xhud qal li għas-sena ta' wara m'hemmx ċifri ta' *opening stock* u ta' *closing stock,* iżda hemm rappurtat telf ta' €13,225, u l-istess is-sena ta' wara. Qal li minkejja li esponenti tal-kumpannija ġew mistoqsija dwar dan, huma baqgħu ma wieġbux. Qal ukoll li kien hemm numru ta' laqgħat skedati bit-tama li l-partijiet jaslu fi ftehim, iżda li l-esponenti tas-soċjetà rikorrenti baqgħu m'attendewx għal dawn il-laqgħat. Qal ukoll li l-*increase in sales* propost fl-abbozz tant kienet konservattiv, li kien inqas min-*net losses* kollha ddikjarati. Ix-xhud qal li s-*sales* iddikjarati fl-*accounts* huma baxxi, u ma jistax ikun li sena wara sena dan in-negozju baqa' jopera b'telf. Ix-xhud kompla jgħid li ladarba n-negozjati twaqqfu, l-intimat kellu jgħaddi għall-abbozz ta' ftehim, u għalhekk ġie kkonsidrat il-*purchases to sales ratio* tas-settur. Qal li l-*assessment* inħadem wara li ġie kkonsidrat li s-*sales* kellhom jiżdiedu aktar biex ikopru s-salarji li hemm fl-*accounts.* Ix-xhud qal li qatt ma saret *site visit* minħabba d-deterrent tal-lingwa, u r-rappreżentanti tal-kumpannija qatt ma insistew għal *site visit.*

8. **Jesmar Bilocca**, *Review Officer,* fir-rapport tal-investigazzjoni li sar mit-TCU, qal li t-TCU kemm-il darba ppruvat tikkuntattja lit-*tax payer* jew lir-

rappreżentant tiegħu, u kien hemm drabi fejn dawn irrispondew lura u taw l-informazzjoni mitluba, imma kien hemm drabi fejn din l-informazzjoni baqgħet ma ngħatatx. Ix-xhud qal li huwa kien iltaqa' mat-*tax payer* u mar-rappreżentant legali tiegħu, li kien qallu li ma kien jaf xejn dwar il-*final results* murija lilu, u t-tentattiv ieħor li sar biex il-partijiet jerġgħu jiltaqgħu ukoll sfaxxa fix-xejn. Qal li minflok ippreżentat evidenza, is-soċjetà rikorrenti bagħtet ittra fejn maqdret ix-xogħol tat-TCU. Ix-xhud spjega li fost l-informazzjoni mitluba mit-TCU, kien hemm l-ismijiet tal-impjegati, u informazzjoni bħal kemm hemm imwejjed u siġġijiet fir-ristorant, iżda din l-informazzjoni baqgħet ma ngħatatx.

9. **Wang Hui**, direttur tas-soċjetà rikorrenti assistit minn interpretu, xehed quddiem it-Tribunal. Mistoqsi jekk fis-sena 2014, meta rċieva diversi *assessments* mid-Dipartiment tal-VAT, kienx ingaġġa professjonist biex jassistih waqt l-investigazzjoni li kienet qegħda ssir, qal li meta rċieva l-korrispondenza mid-Dipartiment, kien ingaġġa kumpannija ta' avukati biex tassistih, u ħaseb li ma kellu bżonn jagħmel xejn aktar. Ix-xhud qal li huwa wera li ma kienx qed jaqbel mal-ammonti tal-*assessments* għaliex huwa ma kienx qiegħed jaqla' dawk il-flejjes minn dan in-negozju, u b'mod ġenerali huwa għamel telf kbir mill-operat. Qal li huwa żamm in-negozju miftuħ għaliex kien investa ħafna flus, u għalhekk kien inkwetat li ma kienx ser jirkupra flusu lura.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2021, it-Tribunal iddeċieda li għandu jiċħad l-aggravju preliminari sollevat mis-soċjetà rikorrenti, kif ukoll l-aggravju fil-mertu, b'dan li għalhekk ċaħad l-appell tas-soċjetà

rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-321.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 fl-intier tiegħu, u minflok ikkonferma l-istess stimi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkonsidra:***

*In forza ta' stimi maħruġa għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 (fn. 6 fol. 5 sa 21 tal-proċess), id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, qed jesiġi mingħand is-soċjetà Rikorrenti l-ħlas tas-somma ta' €15,812.74 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €3,162.55 rappreżentanti taxxi amministrattivi u s-somma ta' €7,527.31 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal **€26,502.60**.*

*Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata bil-ħruġ ta' dawn l-istimi fil-konfront tagħha u interponiet appell minnhom quddiem dan it-Tribunal. L-aggravji fuq liema tibbaża l-appell tagħha huma s-segwenti: (i) in linea preliminari, in-nullità tal-istimi stante li l-ittra datata 4 ta' Marzu 2014, li hija d-dokument uffiċjali li bih id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) infurmaha bil-ħruġ tal-istimi fil-konfront tagħha, hija niesqa mill-motivazzjoni ħlief għall-kliem ġeneriku (uniku) illi "*the Department did not accept the amount (sic) that you indicated …*". Dan imur kontra kull norma stabbilita u każistika li f'fażi ta' deċiżjonijiet kważi ġudizzjarji, wieħed mir-rekwiżiti huwa li d-deċiżjoni tkun motivata dwar ir-raġuni/raġunijiet in bażi għal liema tkun ittieħdet dik id-deċiżjoni - għaldaqstant la d-deċiżjoni fil-każ in eżami ma hijiex motivata, l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għandhom jiġu dikjarati bħala nulli u bla effett fil-Liġi; (ii) fil-mertu, l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha huma invalidi għaliex inħarġu taħt presunzjonijiet, assunzjonijiet, premessi u spjegazzjonijiet żbaljati kif ukoll b'mod arbitrarju bi proċess ta' Review ivvizzjat stante li minkejja l-ispjegazzjonijiet u rikjesta*

*formali da parte tagħha, dawn ġew injorati mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li lanqas wieġeb għall-komunikazzjoni formali sottomessa waqt l-istadju ta' Review. Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) mexa b'mod arbitrarju, irrispettuż u xejn dinjituż fil-mod kif ħareġ l-istimi in kwistjoni fil-konfront tagħha.*

*Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li l-aggravji fuq liema s-soċjetà rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi trattata hija dik sollevata mis-soċjetà Rikorrenti bl-aggravju preliminari tagħha dwar in-nullità tal-istimi maħruġa fil-konfront tagħha stante li d-deċiżjoni in bażi għal liema d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il- Valur Miżjud) ħareġ l-imsemmija stimi hija bla motivazzjoni.*

***Aggravju preliminari:***

*Mill-provi prodotti u mill-atti proċesswali jirriżulta li l-investigazzjoni fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti saret da parte tat-Tax Compliance Unit. Kif dikjarat mid-Direttur tas-soċjetà Rikorrenti Wang Hui (fn. 7 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2016, fol. 120 sa 123 tal-proċess) matul din l-investigazzjoni, jew għall-inqas sal-2013, l-imsemmija soċjetà kienet rappreżentata mid-ditta EMD u in segwitu ġie inkarigat rappreżentant ieħor - ossia Joseph Sammut - biex ikompli jirrappreżentaha minflok id-ditta EMD. Permezz ta' Avviż datat 13 ta' Novembru, 2013 (fn. 8 fol. 37 tal-proċess), liema Avviż ġie debitament notifikat lis-soċjetà Rikorrenti (fn. 9 vide fol. 47 tal-proċess), id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li* the enclosed provisional assessments have been raised following proposal from the Tax Compliance Unit. **A summary of the proposed assessment is also attached** *(fn. 10 enfasi tat-Tribunal).* If you disagree with the attached provisional assessments, you may request a review of the provisional assessments within thirty days from receipt of this letter indicating in Part 1 of the attached notice the specific areas where you disagree and the reason why. If you agree with the provisional assessments, kindly sign within 30 days from the receipt of this letter Part 2 of the attached notice. As per Article 37(4) of the VAT Act, if payment is made within 30 days from the signing of this agreement, which payment consists of the tax due plus the

agreed administrative penalty and the interest, then the administrative penalty will be equivalent to 10% instead of 20% of the tax due. If there is no reply to the above within 30 days, the Department has no other option but to confirm the provisional assessment with 20% administrative penalty plus interest.

*Is-sommarju tal-istimi annessi mal-Avviż tat-13 ta' Novembru 2013 (fn. 11 vide a tergo ta' fol. 37 tal-proċess) juri biċ-ċar il-kalkoli tat-Tax Compliance Unit fuq liema ġew ibbażati l-istimi u jagħti anke spjega tal-bażi tal-istimi:* the VAT assessment comprises the following amounts: (a) Increase in Sales (Taxable outputs); (b) Decrease in Telephone expenses (Services & overheads); (c) Decrease in Electricity expense (Services & Overheads). From the years 2008 to 2011, the above amounts have been apportioned to the respective VAT periods on a pro-rata basis to declared sales for (a) and on pro-rata basis to declared services & overheads for (b) and (c) above.

*Is-soċjetà rikorrenti talbet Review mill-istimi provviżorji maħruġa fil-konfront tagħha in bażi għall-oġġezzjoni li* l-istejjem huma invalidi fil-fatt u fid-dritt. Bla preġudizzju inħarġu fuq premessi u assumptions żbaljati. *(fn. 12 fol. 48 tal-proċess). B'Avviż datat 3 ta' Diċembru, 2013 (fn. 13 fol. 49 tal-proċess) id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) – notifikat fid-9 ta' Diċembru, 2013 (fn. 14 fol. 50 tal-proċess) – għarraf lis-soċjetà rikorrenti li* with reference to your request for review for provisional assessments, which are dated 13th November, 2013, you are kindly requested to provide the Department further arguments and proof in support of your reasons as to why you disagree with the provisional assessments in question. Moreover you are also requested to provide to the department the reason/s, preferably via email, as to why you failed to provide certain crucial information required by the Tax Compliance Unit. Email address and mobile numbers are also required. Information not provided includes the following: Invoices for fixed asset additions; Stock lists; and Feedback following the meeting held on 1st August, 2013 at the TCU and emails dated 9th and 18th September, 2013.

*Mir-Review Report (fn. 15 fol. 51 u 52 tal-proċess) u mix-xhieda ta' Jesmar Bilocca, Review Officer fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kien inkarigat mir-Review tal-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, jirriżulta li fl-20 ta' Diċembru, 2013 inżammet laqgħat bejn ir-Review Officer u r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Joseph Sammut fejn* during the explanation of the workings of the provisional assessments by the undersigned (ossia Jesmar Bilocca), Mr Sammut argues that the end result of the increase in sales do not tally with the figures he had in hand. However, when he presented the workings, which according to him, he had received from the TCU, contrary to what he said the figures tallied exactly. This

confirms the version of the TCU that he was actually informed with the results. Furthermore, an email was provided by the TCU to the undersigned as a proof that the revised workings were actually provided to Mr. Sammut via an email dated 9th September, 2013. Nevertheless, Mr Sammut did not revert to the TCU with any feedback. It was also remarked to Mr. Sammut that the provisional assessment does not include any VAT in connection to rent expenditure. No other documents were submitted to support his arguments ...

*In segwitu għall-istadju tar-Review, b'Avviż datat 19 ta' Frar 2014 (fn. 16 fol. 53 tal-proċess), id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li* with reference to your request for review of the provisional assessments, which are dated 13th November, 2013, due to the lack of sufficient and reliable evidence it was concluded to raise the respective assessments. The assessments will be sent in due course. If you feel aggrieved by the decision you may lodge an appeal with the Administrative Review Tribunal as per Legal Notice 89 of 2012 within 30 days from receipt of the said assessments. *B'Avviż ulterjuri datat 4 ta' Marzu, 2014 (fn. 17 fol. 54 tal-proċess), id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li* as the Department did not accept the amount that you indicated in your Tax Returns, the enclosed assessments are being raised in terms of Section 32(3) of the Value Added Tax Act, 1998, which states: After the expiration of a period of not less than thirty days and not more than six (6) months from the service on a person of a provisional assessment in respect of a tax period the Director General may make an assessment of the Output Tax and the Input Tax of that person for that period and of the administrative penalty to which that person became liable. If you feel aggrieved by these assessments, you may appeal to the Administrative Review Tribunal at the Law Courts as per Article 43 and 46 of the VAT Act within thirty (30) days of the date upon which this notice of assessments has been served*.*

*Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat, it-Tribunal diffiċilment jista' jifhem kif is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 huma nulli u bla effett fil-Liġi. Bl-istess mod diffiċilment jista' jifhem kif is-soċjetà Rikorrenti tippretendi li targumenta b'suċċess li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) in bażi għal liema ħareġ l-istimi finali fil-konfront tagħha hija nieqsa minn kull motivazzjoni.*

*Kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà Rikorrenti, id-deċiżjoni vera e proprio tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tagħha u li abbażi tagħha nħarġu l-istimi mertu ta' dan l-appell ma hijiex kontenuta fl-Avviż datat 4 ta' Marzu, 2014 iżda fl-Avviż datat 19 ta' Frar, 2014, fejn, jiġi ribadit, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kjarament għarraf lis-soċjetà rikorrenti li* with reference to your request for review of the provisional assessments, which are dated 13th November, 2013, **due to the lack of sufficient and reliable evidence it was concluded to raise the respective assessments** (*fn. 18 Enfasi tat-Tribunal).* The assessments will be sent in due course. *Hawn it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-House of Lords fl-ismijiet* ***South Bucks District Council v. Porter (No. 2) (2004) 1 WLR 1953****, fejn il-ħtieġa li d-deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi jkunu motivati ġie osservat illi* the reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational decision on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration. … **Decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced** (*fn. 19 Enfasi tat-Tribunal).*

*Hija proprio din l-aħħar osservazzjoni li hija ferm importanti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà Rikorrenti* ***u*** *r-rappreżentanti tagħha kienu jafu ben tajjeb x'kienu l-kwistjonijiet li dwarhom kellhom dubji u/jew objezzjonijiet it-Tax Compliance Unit u d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), kemm fl-istadju tal-investigazzjoni kif ukoll fl-istadju tar-Review u kienu jafu ben tajjeb ukoll il-bażi tal-istimi proviżorji maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), għaldaqstant meta wara l-istadju tar-Review is-soċjetà Rikorrenti ġiet infurmata li* due to the lack of sufficient and reliable evidence it was concluded to raise the respective assessments*, fejn essenzjalment ġew ikkonfermati l-istimi proviżorji, hija kienet f'posizzjoni li taf ben tajjeb għaliex, għalfejn u kif inħarġu tali stimi fil-konfront tagħha.*

*Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li l-aggravju preliminari sollevat mis-soċjetà Rikorrenti ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.*

***Appell fil-mertu:***

*Fil-mertu s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08, 29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 huma invalidi għaliex ibbażati fuq preżunzjonijiet, assunzjonijiet, premessi u spjegazzjonijiet żbaljati kif ukoll għaliex l-istadju tar-Review kien vizzjat għaliex minkejja l-ispjegazzjonijiet u anke rikjesta formali magħmula minnha, dawn ġew għal kollox injorati.*

*Fir-Rapport tat-Tax Compliance Unit (fn. 20 fol. 32 sa a tergo a fol. 37 tal-proċess) ġie kkonstatat u konkluż is-segwenti*: The company China Malta International (C.M.I) Limited was incorporated in June 2007. Its principal activity is the operation of a Chinese restaurant in Qawra. A preliminary review of the profit and loss declarations for basis years 2007 to 2011 is shown hereunder:

| ***Basis Years*** | ***Jun-Dec 2007*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** | ***2011*** |
|---|---|---|---|---|---|
| | ***€ equiv*** | ***€*** | ***€*** | ***€*** | ***€*** |
| *Sales* | *1,465* | *23,281* | *14,812* | *24,529* | *23,205* |
| *Opening Stock* | *4,840* | | *4,558* | *3,121* | *673* |
| *Purchases/Direct Costs* | | *13,225* | *7,044* | *11,924* | *16,387* |
| *Closing Stock* | *(3,543)* | | *(3,121)* | *(673)* | *(945)* |
| *Cost of Sales* | *1,297* | *13,225* | *8,481* | *14,372* | *16,115* |
| ***Gross Profit*** | ***168*** | ***10,056*** | ***6,331*** | ***10,157*** | ***7,090*** |
| | | | | | |
| ***Expenses*** | | | | | |
| *Wages* | *5,660* | *44,690* | *41,544* | *15,600* | *15,668* |
| *Rent* | *5,656* | *11,674* | *11,949* | *11,477* | *11,478* |
| *Other expenses* | *5,383* | *10,473* | *14,129* | *11,675* | *12,056* |
| | ***16,699*** | ***66,837*** | ***67,622*** | ***38,752*** | ***39,202*** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Loss for year*** | ***(16,531)*** | ***(56,781)*** | ***(61,291)*** | ***(28,595)*** | ***(32,112)*** |
| ***Gross Profit Mark Up*** | ***13%*** | ***76%*** | ***75%*** | ***71%*** | ***44%*** |
| ***Wages to Sales Ratio*** | ***386%*** | ***192%*** | ***280%*** | ***64%*** | ***68%*** |

The above declarations show losses declared every year since the company was incorporated. Moreover, declared wages are high in comparison to declared sales. In fact, for the first two and a half years, wages were higher than sales.

Furthermore, shareholders' loans have increased considerably from year to year as shown hereunder:

| | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** |
|---|---|---|---|---|---|
| | ***2007*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** | ***2011*** |

| | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** | ***Basis Yr*** |
|---|---|---|---|---|---|
| | ***€ equiv*** | ***€*** | ***€*** | ***€*** | |
| *Shareholders' Loans* | *24,778* | *62,502* | *110,895* | *144,306* | *184,702* |
| *Annual Percentage Increase* | | *152%* | *77%* | *30%* | *28%* |

In view of the above, there is a high risk that sales are being under-declared.

…

**Detailed Audit Findings - Audit Tests on Sales - Bank Deposits.** Bank deposits were higher than declared sales proceeds for all three years (2008-2010) tested, as shown in table 4 below. Moreover an analysis of bank deposits indicates that 78% of total deposits are from the restaurant's Point-of-Sales system, thereby indicating a higher risk of undeclared cash sales.

| *Basis Years* | *2008* | *2009* | *2010* |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| *Sales as per Financial Statements* | *23,281* | *14,812* | *24,529* |
| *Add 18% VAT thereon* | *4,191* | *2,666* | *4,415* |
| *Total Sales Proceeds* | *27,472* | *17,478* | *28,944* |
| *Total Bank Deposits* | *35,790* | *32,613* | *33,110* |
| ***Unexplained Bank Deposits (inclusive of VAT)*** | ***8,318*** | ***15,135*** | ***4,166*** |
| ***Unexplained Bank Deposits (exclusive of VAT)*** | ***7,049*** | ***12,826*** | ***3,531*** |

***Z-Readings.*** *Z-readings were compared to sales declarations in the financial statements and the following differences were noted:*

| ***Basis Years*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| ***As per Z-readings*** | | | |
| *January* | - | *1,546* | *957* |
| *February* | *3,131* | *1,712* | *278* |
| *March* | *2,323* | *1,341* | *1,300* |
| ***Basis Years*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** |
| *April* | *2,030* | *1,132* | *1,670* |
| *May* | *3,178* | *1,137* | *1,842* |
| *June* | *3,938* | *753* | *2,170* |
| *July* | *1,990* | *1,706* | *3,243* |
| *August* | *3,051* | *1,791* | *3,149* |
| *September* | *2,346* | *1,531* | *3,931* |
| *October* | *1,926* | *2,084* | *3,913* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *November* | *1,411* | *980* | *2,591* |
| *December* | *2,128* | *626* | *3,422* |
| *Sales as per Z-readings (including VAT)* | ***27,452*** | ***16,339*** | ***28,466*** |
| *Sales as per Z-readings (excluding VAT)* | *23,264* | *13,847* | *24,124* |
| *Sales as per financial statements* | *23,281* | *14,812* | *24,529* |
| ***Difference*** | ***17*** | ***965*** | ***405*** |

Although no material differences were identified between declared sales and z-readings, an analysis of the latter points out to substantially low sales declarations even in periods with typically increased sales activity such as the Christmas Period and the summer months, as per table 6 …

| ***Basis Years*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** |
|---|---|---|---|
| | ***€/day*** | ***€/day*** | ***€/day*** |
| *Average daily sales in summer (July- September)* | *80* | *55* | *112* |
| *Average daily sales in Christmas Period (December)* | *69* | *20* | *110* |
| *Overall average daily sales during year (January - December)* | *75* | *45* | *78* |

**Analysis of VAT declarations**. Vat declarations indicate a high proportion of purchases and overheads relative to sales, well in excess of sector averages as shown hereunder. Remarkably, the purchases to sales ratio was 152% for 2009 VAT declarations.

| ***Basis Year*** | ***Business Declarations*** | | | ***Taxpayer's Ratios*** | | ***Sector Ratios (NACE 5530)*** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Sales* | *Purchases* | *Services & Overheads* | *Purchases to Sales* | *Purchases & Overheads To Sales* | *Purchases to Sales* | *Purchases & Overheads to Sales* |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *2008* | *23,281* | *17,875* | *3,035* | *76%* | *89%* | *46%* | *64%* |
| *2009* | *14,812* | *22,461* | *5,051* | *152%* | *186%* | *45%* | *65%* |
| *2010* | *24,529* | *12,326* | *5,682* | *50%* | *73%* | *42%* | *63%* |
| *2011* | *23,457* | *17,755* | *6,002* | *76%* | *101%* | *31%* | *62%* |

**Computation of Under-declared Sales.** All the above audit tests on sales/cost of sales reveal under-declared sales. Consequently, sales have been increased as shown in table 8 further below. Sales were increased to bring the company's purchases to sales ratio in line with the sector purchases to sales ratio for NACE Code 5610 (Restaurants). In addition sales for the first three years of operation were further increased on the basis that a business that is unable to cover part of its costs is unlikely to continue operating.

| | ***2007*** | ***2008*** | ***2009*** | ***2010*** | ***2011*** |
|---|---|---|---|---|---|
| | ***€-equiv*** | ***€*** | ***€*** | ***€*** | ***€*** |
| *Sales as declared* | *1,465* | *23,281* | *14,812* | *24,529* | *23,205* |
| *Increase in sales to match to purchases to sales' sector ratio (1)* | *-* | *5,469* | *841* | *3,861* | *29,656* |
| *Further increase in Sales* | *4,195* | *15,940* | *25,891* | *-* | *-* |
| ***Total increase in Sales*** | ***4,195*** | ***21,409*** | ***26,732*** | ***3,861*** | ***52,861*** |
| ***Total Sales*** | ***5,660*** | ***44,690*** | ***41,544*** | ***28,390*** | ***52,861*** |
| *Opening Stock* | *4,840** | | *4,558* | *3,121* | *673* |
| *Purchases/Direct Costs* | | *13,225* | *7,044* | *11,924* | *16,387* |
| *Closing Stock* | *(3,543)* | | *(3,121)* | *(673)* | *(945)* |
| ***Cost of Sales*** | ***1,297*** | ***13,225*** | ***8,481*** | ***14,372*** | ***16,115*** |
| ***Adjusted Gross Profit*** | ***4,363*** | ***31,465*** | ***33,063*** | ***14,018*** | ***36,746*** |
| ***Sector P/S ratio (1)*** | ***46%*** | ***46%*** | ***45%*** | ***42%*** | ***31%*** |

*Fir-rigward tal-Opening Stock dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fl-2007, it-Tax Compliance Unit osservat illi* the company declared opening stock in year 2007 even though the company was incorporated in the same year. Since no purchases were declared by the taxpayer in the same year, it is being assumed that this figure was wrongly classified as stock rather than purchases in the TIFD.

*Apparte konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet dwar il-bejgħ, it-Tax Compliance Unit ikkonstatat u kkonkludiet is-segwenti fir-rigward tal-ispejjeż reklamati mis-soċjetà Rikorrenti fid-denunzji tat-taxxa tagħha għall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri:*

**Audit Tests on Expenses. Wages & Salaries.** The company employs three employees, namely its two directors, Yong Wang and his daughter Hui Wang, and a part-time employee Marcon Zammit. The declared wages as per financial statements agree to the wages as per FSS returns. However, it transpired that over 97% of the wages are credited to the shareholders' loan accounts rather than paid out from the company's bank accounts. It is unrealistic that directors (and also a part-time employee) do not take a salary and, moreover, directors' drawings are much less than their deposits. In view of this, the declared wage expenses are considered unrealistically high when compared to sales, even as adjusted by TCU. In particular, wages for years 2008 and 2009 are deemed excessive and hence are being reduced to the same level of wages declared in 2010 i.e. €15,600.

…

**Other over-claimed expenses.** It was noticed that the company over-claimed its water and electricity bills as indicated hereunder. The difference is being brought to charge fully in basis year 2010.

| | **€** |
|---|---|
| *Water & electricity as per Profit & Loss* | |
| *2008* | *1,809* |
| *2009* | *3,920* |
| *2010* | *2,118* |
| *Total* | *7,847* |
| *Water & electricity as per invoices* | *6,553* |
| *Unsupported water & electricity expenses* | *1,294* |

For VAT purposes, €1,150 (out of €1,294) is attributable to electricity expenses and therefore subject to VAT at 5%.

It was also noted that telephone bills were addressed to the director's personal address rather than the company address. Accordingly, these expenses are being reversed: 2007 -
€14, 2008 - €527, 2009 - €509, 2010 - €306, 2011 - €304.

**Rent**. The company rented its business premises from another company, S.A.R.G. Limited (IT 992303828/VAT 1527421). The rental expense was validated against the rental contract. It was noted from the VAT system that the lessor was classified with the VAT department under Register B and did not charge VAT on the rental amount. No input VAT was in turn claimed by China Malta International (C.M.I.) Limited.

*Mill-kontenut tar-Rapport tat-Tax Compliance Unit jirriżulta ferm ċar li l-indikazzjonijiet illi kien hemm dikjarjar bin-nieqes tal-bejgħ da parte tas-soċjetà Rikorrenti - u per konsegwenza dikjarar bin-nieqes tal-Output Tax fid-denunzji tat-taxxa tagħha għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni - u anke dikjarar biż-żejjed ta' infiq - u per konsegwenza dikjarjar biż-żejjed ta' Input Tax fid-denunzji tat-taxxa għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, kollha ħarġu mid-dokumentazzjoni tal-istess soċjetà Rikorrenti. In effetti t-Tax Compliance Unit għamlet il-konstatazzjonijiet tagħha a bażi ta' eżami u audit tal-Profit & Loss Declarations tas-soċjetà Rikorrenti, tal-financial statements tas-soċjetà Rikorrenti, tal-kontijiet bankarji tas-soċjetà Rikorrenti, taz-Z-readings tas-soċjetà Rikorrenti u tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tas-soċjetà Rikorrenti, kif ukoll tal-fatturi sottomessi minnha biex jiġi sostanzjat u ġustifikat il-kreditu għal Input Tax reklamat minnha fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni.*

*Essendo din is-sitwazzjoni huwa bil-wisq evidenti li t-Tax Compliance Unit ippretendiet - u dana b'mod għal kollox ġust u mistenni - spjegazzjoni mingħand is-soċjetà Rikorrenti sabiex tiġġustifika l-anomaliji li rriżultaw mid-dokumentazzjoni tagħha. Fir-rigward fil-fatt jirriżulta, kemm mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit, kif ukoll mix-xhieda ta' Ivan Bugeja, rappreżentant tat-Tax Compliance Unit, li nżammu laqgħat mar-rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti kif ukoll intbagħtu talbiet bil-miktub għal iktar informazzjoni u spjegazzjonijiet iżda dawn, in kwantu rigward informazzjoni fondamentali, baqgħu kollha bla risposta.*

*Ad eżempju permezz ta' email datata 25 ta' April, 2013 (fn. 21 fol. 31 tal-proċess) indirizzata lir-rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti, Ivan Bugeja talab għas-segwenti informazzjoni* - Further to our meeting this morning in respect of China Malta International Ltd, kindly provide the following information. This information has been

requested to the previous representatives:

*(a) a description of the restaurant as regards its size, number of covers, names of chefs and waiters/waitresses etc.;*
*(b) an explanation for the fact that the restaurant operated a Net Loss every year and has a high Wages to Sales ratio varying between 64% to 386%;…*
*(c) an explanation for the high Purchases to Sales ratio declared in VAT returns (in excess of 100%) - refer to attachment;*
*(d) details of Lessor in respect of Rent expenses claimed for years 2008 to 2011;*
*(e) an explanation why wages are being posted to Shareholders' Loans rather than against Bank or Cash;*
*(f) reconciliation for Purchases and Expenses as declared in Profit & Loss account and as declared in VAT Returns;*
*(g) an explanation of the difference in Water and Electricity Expenses below …*
*(h) an explanation as to why Telephone expenses bills are being invoiced to "Morning Dawn, Fl2, Triq il-Ġifen, St. Paul's Bay" (director's personal address) rather then the business premises address;*
*(i) a copy of the Nominal Ledger for years 2008 t0 2010.*
*(j) kindly note that one of the directors, Ms. Hui Wang, has outstanding tax balances for Y/A 2009 (€1,204) and Y/A 2010 (€1,185).*

*Jirriżulta li l-informazzjoni mitluba ma ġietx, għall-inqas mhux fl-interezza tagħha, provduta lit-Tax Compliance Unit, tant illi fir-Rapport tagħha ġie kkonstatat li China Malta International (C.M.I.) Limited* has been assessed on increases in sales and decreases in expense amounts as described further on in this tax audit report. The above findings and the resultant reduction in trading losses and increase in VAT thereon were explained to taxpayer's representative, Mr. Joseph Sammut, during a meeting held on 1st August, 2013, at the Tax Compliance Unit. In emails dated 9th September and 18th September 2013, Mr. Sammut was requested to provide feedback by 23rd September 2013 as to whether these findings are being accepted, or otherwise, from the taxpayer's side. However, no reply was received thereto. *Dana kollu ġie kkonfermat ukoll minn Ivan Bugeja fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 (fn. 22 fol. 90 sa 94 tal-proċess) fejn iddikjara li*: qed nitkellmu fuq kumpanija li ddikjarat net loss kull sena, jiġifieri mis-sena 2007 sa mill-inqas il-perijodi li rajna aħna ddikjarat net loss kull sena. Jekk wieħed iħares lejn il-gross profit ta' din il-kumpannija, qed nitkellmu fuq restaurant, il-gross profit lanqas hu biżżejjed biex ikopri l-wages dikjarati. Qed ngħid il-wages dikjarati għax din il-kumpannija għandha tliet persuni biss dikjarati; tnejn minnhom huma diretturi Ċinizi u l-persuna l-oħra hija

part timer li jaqla' paga dikjarata sa' elf u tlett mija gross wages, il-paga gross fis-sena. Aħna jiġifieri iltqajna, id-direttur tal-kumpanija kien preżenti, huwa Ċiniż, meta kien preżenti hu kien hemm l-interpretu jiġifieri aħna saqsejna kemm lilek (ossia lil Joseph Sammut) u kemm lir-rappreżentant ta' qablek rigward min huma l-koki u min huma l-waiters jiġifieri ma kellna l-ebda risposta jiġifieri wieħed iħalli dubju dwar jekk dawn il-pagi dikjarati li kellhom ikunu iktar. Jekk wieħed jara l-Vat returns jara li l-purchases u l-over heads li hemm dikjarati fil-Vat returns huma iktar mis-sales li hemm fil-Vat returns. Jekk wieħed iħares lejn il-bank statements jara li d-depożiti fil-*bank statements* huma iktar mis-sales dikjarati. Jekk wieħed jara z-Z readings tal-kumpannija jara li jekk per eżempju nħarsu lejn ix-xahar ta' Diċembru l-average sales inkluż il-Vat ivarjaw minn għoxrin ewro kuljum sa mija u għaxar ewro kuljum. Issa Diċembru qed nitkellmu fuq perijodu li tipikament is-sales ikunu għoljin minħabba ż-żminijiet tal-festi. Jekk wieħed iħares lejn ix-xhur tas-Sajf naraw li s-sales inklużi l-Vat ivarjaw minn ħamsa u ħamsin ewro (inkluż il-Vat) sa mija u tnax-il ewro (inkluż il-Vat). Jiġifieri għandna diversi indikazzjonijiet li juru li s-sales huma under declared. Jekk wieħed iħares lejn il- purchases u lejn l-istocks jara li per eżempju fl-ewwel sena – fis-sena 2007 – li hija is-sena li fiha nfetħet il-kumpanija għandna *opening stock* ta' erbat elef tmien mija u erbgħin (4840). Qed ngħidu kumpanija ġdida qed tiftaħ *b'opening stock* ta' erbat elef tmien mija u erbgħin. Purchases ma għandha xejn f'dik is-sena u għandha closing stock ta' tliet elef ħames mija u tlieta u erbgħin (3543) jiġifieri qed ngħidu pressapoco tliet kwarti tal-istock li kien hemm fil-bidu tas-sena, dan baqa' closing stock. Jekk wieħed iħares is-sena ta' wara ma għandniex figuri ta' opening stock u closing stock imma għandna biss figura ta' direct loss ta' tlettax-il elf mitejn u ħamsa u għoxrin (13,225) u l-istess is-sena ta' wara. Jiġifieri anke hemm dubji serji rigward il-purchases u l-istock figures. Aħna kellna meetings jiġifieri tajjeb ngħidu li qablek kien hemm rappreżentanti oħrajn u l-accounts kienu ppreparati mhux minnek biex ngħidu kollox, saqsejna lilhom rigward il-waiters, ix-chefs, saqsejnihom ukoll għalfejn il-kumpannija għal liema raġuni ddikjarat net loss kull sena u ma kellniex risposta. Eventwalment bdejna niltaqgħu miegħek jiġifieri t-tax payer ħatar lilek bħala rappreżentant u bażikament konna tkellimna jiġifieri kellna meetings. Mela fid-29 ta' Mejju inti kont tlabt għal abbozz ta' ftehim, konna issettjajna meeting għall-10 ta' Ġunju u fl-email konna saqsejna li jekk inti ma tistax dik il-ġurnata jekk jogħġbok tipproponi *an alternative date* li hija konvenjenti għalik, issa f'dik il-ġurnata tal-10 ta' Ġunju inti ma attendejtx. Issa l-għada fil-11 ta' Ġunju konna bagħatnielek abbozz mingħajr preġudizzju. Issa dan l-abbozz kien maħsub li naslu għall-ftehim jiġifieri kien pjuttost konservattiv. In fatti l-*increase in sales* hija proposta f'dan l-abbozz tant kienet konservattiva li hija inqas min-*net losses* kollha, jekk tgħodd in-*net losses* kollha li ddikjarat il-kumpannija f'dan

il-perijodu, l-*increase in profits* hija inqas minn dawn in-*net losses* iddikjarati. Kellna meeting fl-1 t'Awwissu fejn jiġifieri jiena u r-rappreżentanti tat-*tax compliance unit* kellna meeting miegħek biex niddiskutu l-workings, imbagħad ma smajna xejn, konna bagħatna *email* fid-9 ta' Settembru, rigward jekk it-*tax payer* hux jaqbel ma' dan l-*assessment, email* oħra fit-18 ta' Settembru u ma kellniex risposta. Imbagħad minħabba li ma kellniex risposta, it-*tax compliance unit* ħareġ l-*assessment.*

*Is-soċjetà rikorrenti baqgħet bl-istess attitudni, ossia li ma tipprovdix l-ispjegazzjonijiet u provi meħtieġa biex tiġġustifika l-anomaliji riskontrati mit-Tax Compliance Unit fid-dokumentazzjoni tagħha fil-kors tal-Audit, anke fl-istadju tar-Review minnha stess mitlub mill-istimi provviżorji li nħarġu fil-konfront tagħha.*

*Kif ġia aktar 'il fuq osservat, fir-rapport tiegħu r-Review Officer Jesmar Bilocca kkonstata li: -*

the first meeting was held on 20th December 2013 during which only Mr. Sammut was present for the meeting. During the explanation of the workings of the provisional assessments by the undersigned (ossia Jesmar Bilocca), Mr. Sammut argues that the end result of the increase in sales do not tally with the figures he had in hand. However, when he presented the workings, which according to him, he had received from the TCU, contrary to what he said the figures tallied exactly. This confirms the version of the TCU that he was actually informed with the results. Furthermore, an email was provided by the TCU to the undersigned as a proof that the revised workings were actually provided to Mr. Sammut via an email dated 9th September 2013. Nevertheless Mr. Sammut did not revert to the TCU with any feedback. It was also remarked to Mr. Sammut that the provisional assessment does not include any VAT in connection to rent expenditure. No other documents were submitted to support his arguments. U kkonstata ulterjorment illi: It was agreed that a second meeting will be held in order to enable Mr. Sammut to provide supporting evidence. The meeting was set for 10th January 2014 but it was cancelled on the same day of the meeting by Mr. Sammut. It was postponed for 20th January 2014. During a tele-conversation that took place on 10th January 2014, Mr. Sammut stated that he has no documentary evidence to submit but wanted to present a letter incorporating the issue discussed during the first meeting for the appeal's stage purposes. As a matter of fact at the second meeting Mr. Sammut presented a letter incorporating his arguments as to why he did not agree with the provisional assessments. Nevertheless, the accountant did agree verbally that there were under-declared sales but not to the extent as reflected in the provisional assessments. Moreover as per his email dated on the 20th January 2014, sales declaration "be and large they do represent the actual sales registered…" In his correspondence Mr. Sammut questioned the methodology

in which the audit was carried out and the fluctuations in the mark-ups following the adjustments by the TCU. However, he failed to explain the high purchases to sales ratio declared in the VAT returns, the increase in shareholders loan and the low declarations in sales per the z-readings. He also failed to notice that the results of the mark-ups, following the application of the purchases to sales ratio, indicated the unreliability of the figures in the profit and loss account. It was also verified with Ivan Bugeja of TCU that the information such as the size, number of covers, names of chefs and waiters and waitresses was not provided despite that it was required. Consequently, the TCU had not option other than working with the information available.

*Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-27 ta' April 2015 (fn. 23 fol. 105 sa 108 tal-proċess) Jesmar Bilocca ddikjara li*: mir-rapport tat-TCU ħareġ li dawn kemm il-darba ippruvaw jikkuntatjaw lit-*tax payer* jew lir-rappreżentant tiegħu, kien hemm drabi fejn irrispondew lura u taw informazzjoni però kien hemm drabi oħra fejn kien hemm informazzjoni li ma ingħatatx. Jiena kkuntatjajt lit-*tax payer* u wara iltqajt darbtejn mar-rappreżentant tiegħu s-Sur Sammut. Bażikament l-ewwel darba li ltqajt miegħu qalli li dawn il-*final result* qatt ma ġew murijja lilu u ma kien jaf xejn bihom u li ma kellux informazzjoni fuqhom. Kif konna qed naraw, qed naraw l-istess karti tiegħi u tiegħu fil-fatt irriżulta li l-istess karti ngħatawlu li kienu l-*final results* u iddeċidejna li nergħu niltaqgħu darba oħra biex iġibli xi evidenza jew provi għalfejn mhux jaqbel u min-naħa tiegħu kif għandhom joħorġu l-vera sales li kellu jkun hemm dikjarati però fil-ġurnata li kellna niltaqgħu qalli biex nieħu paċenzja u niltaqgħu darb'oħra u ltqajna darb'oħra. Bażikament minflok ġiet evidenza, ġiet ittra li qed tmaqdar ix-xogħol tat-TCU. Mela jien kont qed nitlob ir-raġuni għalfejn ma kkooperajtx mat-TCU, għidtlek biex nerġgħu niltaqgħu u iltqajna u erġajt ġejt bl-istess tmaqdir fuq ix-xogħol tat-TCU u fuq il-*workings* li kien hemm u r-raġunijiet għalfejn mhux qed jaqbel magħhom u r-raġuni għalfejn ma tahomx informazzjoni ma kienx hemm. Huma talbuh ukoll informazzjoni u huwa qal li messu marru fuq il-post u ċċekjaw aktar dettalji fuq ir-*restauran*t per se, mentri dawn fl-*emails* li jiena rċevejt imbagħad mit-TCU talbuh informazzjoni dwar l-ismijiet tal-istaff, kemm kien hemm imwejjed u s-size tar-restarant jiġifieri dawn kienu talbuhomlu fil-verità però din l-informazzjoni lilhom ma ngħatatx. Jiena bqajt mingħajr dawn ir-risposti u ma kelli l-ebda mod ieħor x'nagħmel ħlief li noħroġ bir-riżultat.

*Fix-xhieda ulterjuri li waqt is-seduta ta' tat-28 ta' Mejju 2015 (fn. 24 fol. 112 sa 117 tal-proċess), Jesmar Bilocca iddikjara li*: Jiena rajt ir-riżultati tal-exercise li ħarġu kif tkellimna flimkien (ossia hu u Joseph Sammut) tal-mark up li ħareġ mir-riżultat tat-TCU, u għalkemm hemm diverġenzi fl-ammonti li qed tgħid inti ma jfissirx li ma

jagħmilx sens, u ma naqbilx miegħek li m'huwiex tajjeb. Eżempju wieħed minnhom kien jekk tiftakar sewwa anki inti semmejtu il-*purchases to sales ratio*. … Imbagħad bagħttlek il-*final letter* fejn għedtlek li m'aħniex naqblu. Però jekk tippermettuli I'm very surprised għaliex imxejt ta' raġel miegħek, tkellimna dawn il-punti fid-dettal u tajtek id-dokumentazzjoni għax għedtlek ma tawhomlokx it-TCU? Il-karta tat-TCU tajthieli inti stess il-final result, jiġifieri fil-verità inti kellek. Bdejt titkellem fuq issue ta' rental u bdejt ngħidlek li m'hemmx issue ta' rental fil-vat u bdejt nispjegalek li m'hemmx u fl-istess email li bagħtli tal-20 ta' Jannar meta ltqajna għall-meeting semmejtli punti li wħud minnhom lanqas biss kellhom x'jaqsmu. Jiena sorpriż ħafna għaliex tkellimna fid-dettal jiena u inti u inti taf li tkellimna fid-dettal u spjegajtlek kollox u inti bgħatt ittra biss bil-punti li qajjimna fl-ewwel meeting u inti għedtli li ser iġġib evidenza minn naħa tiegħek u ħallejt f'idejk u ġejt it-tieni meeting bl-ittra u bl-istess *argument li ddiskutejna jiena u inti u ma stajtx inwieġbek aktar minn hekk jiena.*

*Il-kritika tas-soċjetà Rikorrenti għar-Rapport tat-Tax Compliance Unit msemmija minn Jesmar Bilocca tinsab fl-ittra datat 15 ta' Jannar 2014 (fn. 25 fol. 83 u 84 tal-proċess), fejn jingħad illi nikteb u nagħmel referenza għas-suespost suġġett u speċifikatament rigwardanti l-istejjem proviżorji li jkopru l-perijodi fiskali kollha minn 01.12.2007 sa 30.11.2011. F'dan ir-rigward niġbidlek l-attenzjoni għas-segwenti u cioè:*

i. *Illi ż-żjieda fil-bejgħ hija bbażata fuq* 'sector ratios' *arbitrarji u li la kienu* 'referenced' *u lanqas ġustifikati;*
ii. *Illi l-istess* 'sector ratios' *huma rrazzjonati stante illi dak tas-sena 2011 għandu diverġenza ta' aktar minn tletin (30) fil-mija fuq il-medja tat-tlieta ta' qablu;*
iii. *Illi fil-*"Further Increase in Sales" *hemm fattorizzati l-ammonti ta' "Wages" illi m'humiex relatati u m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-Trading Account;*
iv. *Illi tant huwa anomalu l-inseriment tal-*"Further Increase in Sales"*" illi fis-snin 2010 u 2011, b'mod mill-aktar stramb, ma ġiet inserita l-ebda somma biex tkabbar is-*"sales"*;*
v. *Illi l-*"Adjusted Gross Profit" *huwa ntenzjonat sabiex jassorbi parti mill-*"Wages" *illi fis- snin 2008 u 2009 kienu sproporzjonati mas-sena preċedenti u s-snin sussegwenti; dawn il-*'wages' *imma jirreferu għall-ħlasijiet lid-diretturi u li ħafna minnhom filwaqt li huma rikonoxxuti iżda li fil-fatt ma tħallsux; eżerċizzju sempliċi ta' 'cash' jistabbilixxi dan;*
vi. *Illi per konsegwenza tal-eżerċizzju tat-TCU r-riżultanti* Mark-Ups *mhumiex relattivi u lanqas jagħmlu sens tant li fis-sens 2008 huwa 238% fis-sena 2009 huwa 390%, fis-sena 2010 huwa 98% u fis-sena 2011 huwa 228%;*
vii. *Illi ntużaw* 'purchases to sales" ratios *meta kellhom jintużaw* 'mark ups' *għaliex*

*tal-ewwel* (sales to purchases) *mhuwiex ratio li jintuża f'eżerċizzji ta'* "extrapolation" *bħal dak tat-TCU għaliex ma jagħti l-ebda support u garanziji illi r-riżultat ikun wieħed qrib ir-rejalta;*

*Illi minħabba dawn id-difetti fundamentali u oħrajn li s-sottomissjoni tagħhom qed tkun riservata, is-soċjetà suesposta qegħda toġġezzjona għall-imsemmija stejjem u titlob illi jkunu riveduti għaliex la huma ġusti u lanqas teknikament validi.*

*Dawn il-punti "tekniċi" effettivament jiffurmaw l-unika "prova" mressqa mis-soċjetà Rikorrenti in sostenn tal-appell tagħha mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11. In effetti Joseph Sammut xeded illi:* dan huwa każ ta' kumpannija Ċiniza li topera *catering outle*t illi ġiet investigata mit-*tax compliance unit* u apparentement dawn marru hemmhekk mingħajr ma kienu assisititi. Il-lingwa Maltija d-direttur jafha, il-lingwa Ingliża jafha mill-inqas u meta joħroġ imbagħad iktar tard fil-kontro eżami ta' min ħareġ l-assessments. Jiena ġejt nominat biex nitratta review mal-Vat department fuq il-kwistjoni tal-Vat u tkellimt ma' Jesmar Bilocca u kelli xi żewġ inkontri miegħu. Il-parti hija teknika jiġifieri ma naħsibx li għandi noqgħod ngħabbi lit-tribunal at this stage għax imbagħad at the end of the day xorta nagħmilhom fis-submissions tiegħi u hemmhekk ikunu ħafna iktar ċari milli noqgħod nitratta. Però xtaqt nagħmel żewġ punti anke biex nirreppja x-xhieda tiegħi li huma żewġ punti fundamentali. L-ewwel wieħed huwa li jiena bgħatt xi 3 ittri bl-argumentazzjoni lil Jesmar Bilocca u dan ma weġibni qatt fuqhom u ħa nesebihom hawnhekk u t-tieni punt huwa illi l-perm tat-technical exercise kien mibni fuq affarijiet illi huma illi teknikament ma jagħmlux sens u elenkajthom hawnhekk jidhru ħafna li ma jagħmlux sens. Issa jiena ma naħsibx li għandi nidħol illum f'dan id-dettall għaliex ma jagħmlux sens għaliex kif għidt diġà joħorġu iktar tard jiġifieri fis-submissions tiegħi. Però rrid nagħmel enfasi fuq dawn iż-żewġ affarijiet għaliex fl-opinjoni tiegħi l-fatt illi fl-inkontri tiegħi u ktibt l-argumentazzjoni però ma kellix tweġiba għall-inqas għandu jirrispondini min kien qed jagħmel ir-review diment illi anke fil-parti tal-assessment ma kienx assistit min huwa. Jiġifieri dak il-fatt illi jiena ktibt 3 ittri hawn – żewġ ittri u e-mail – bl-argumentazzjoni tiegħi u ma kelli l-ebda risposta jiena ħassejt illi dan kien ġie trattat b'mod illi ma kienx kif suppost. U t-tieni ħaġa l-argumentazzjoni prinċipali huwa li l-assessment li qed nesebixxi l-pern tiegħu kien mibni fuq affarijiet illi teknikament jiena fl-opinjoni tiegħi ma jagħmlux sens għaliex anke l-persentaġġi per eżempju l-persentaġġi li ħadu sector ratios kienu differenti ħafna jiġifieri ma kienx

hemm *standardisation* tagħhom. Imma din xi ħaġa li ovvjament imbagħad tidħol fid-dettall meta nagħmel is-submissions.

*Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet però s-soċjetà Rikorrenti sempliċement illimitat ruħha li tirrepeti, prattikament kelma b'kelma, il-kontenut tal-ittra datata 15 ta' Jannar 2014 esebita a fol. 83 u 84 tal-proċess.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn it-Tax Compliance Unit kienet evidentement qed tiddubita mill-korrettezza non che veraċità ta' dak dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fid-dokumentazzjoni varja tagħha u d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kien u baqa' jiddubita mill-istess tant illi kkonferma l-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti u ħareġ l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri, is- soċjetà Rikorrenti kellha tagħmel ferm iktar milli tressaq argumenti "tekniċi" biex tipprova turi li l-istimi hekk maħruġa fil-konfront tagħha huma eċċessivi.*

*Filwaqt li huwa veru li l-kalkoli tat-Tax Compliance Unit, li essenzjalment jiffurmaw il-bażi tal-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, huma in parte ibbażati fuq* sector ratios *u anke fuq ċerti assunzjonijiet li kellhom jittieħdu, dan l-operat da parte tat-Tax Compliance Unit u tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ġie reż neċessarju minħabba l-inadempjenza tal-istess soċjetà verso t-talbiet ripetuti għal informazzjoni u provi kemm tat-Tax Complaince Unit kif ukoll tar-Review Officer sabiex jiġu spjegati l-anomaliji minnhom riskontrati fid-dokumentazzjoni varja tagħha stess. Ċertament l-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma jistgħux jiġu kontrastati b'sempliċi argumentazzjonijiet tekniċi u teoriċi da parte tas-soċjetà Rikorrenti mingħajr però ma jkun hemm imqar l-iċken prova li ssostni tali argumenti u li turi, anzi tipprova kif meħtieġ fil-Liġi, li l-istimi hekk maħruġa fil-konfront tagħha huma eċċessivi.*

*Filwaqt li t-Tribunal jista' jifhem li s-soċjetà Rikorrenti tħossha aggravata bl-adozzjoni ta'* sector ratios*, biex turi li kalkoli bbażati fuq l-istess huma eċċessivi - u dana partikolarment fid-dawl tal-anomaliji ovvji li rriżultaw mid-dokumentazzjoni varja tagħha stess - l-imsemmija soċjetà kellha l-oneru li tressaq konteġġi maħduma minnha li jispjegaw l-anomaliji imsemmija u per konsegwenza li jxejnu l-kalkoli tat-Tax Compliance Unit - ħaġa li però għal raġunijiet li taf hija biss ma għamlitx.*

*Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti tista' ma taqbilx mal-mod kif it-Tax Compliance Unit trattat il-*"wages" *dikjarati mis-soċjetà Rikorrenti, l-imsemmija soċjetà kellha l-oneru li tressaq provi li jiġġustifikaw l-ammonti ta'* "wages" *minnha dikjarati, partikolarment fejn dawn kienu jeċċedu bil-bosta l-bejgħ dikjarat, u li jiġġustifikaw*

*u/jew jispjegaw kif 97% tal-*“wages” *kienu qed jiġu* credited to the shareholders’ loan account rather than paid out from the company’s bank accounts - *ħaġa li però għal raġunijiet li taf hija biss ma għamlitx. Apparte minnhekk, kemm-il darba s-soċjetà Rikorrenti għażlet li tallega li l-*“wages” *jirreferu għal ħlasijiet lid-diretturi li ħafna minnhom filwaqt li huma rikonoxxuti iżda li fil-fatt ma tħallsux; eżerċizzju sempliċi ta’* ‘cash’ *jistabilixxi dan, hija kellha l-oneru li tipprova dak minnha allegat - ħaġa li però, għal darb’ oħra, għal raġunijiet li taf hi biss ma għamlitx.*

*Filwaqt li s-soċjetà Rikorrenti ressqet kritika mhux sostanzjata verso l-konklużjonijiet u konsegwenti Rapport tat-Tax Compliance Unit u b’hekk verso l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha, hija baqgħet għal kollox siekta fir-rigward tad-dubji sollevati mill-istess Tax Compliance Unit fir-rigward tal-anomaliji riskontrati fid-dokumentazzjoni tagħha. L-unika ‘prova’ ulterjuri mressqa minnha apparte x-xhieda ta’ Joseph Sammut li llimita ruħu għal punti tekniċi bla provi u għall-kritika li ma nżammitx site visit fir-restaurant mingħajr però ma affronta l-anomaliji riskontrati mit-Tax Compliance Unit, hija x-xhieda ta’ Wang Hui, li minnha però ma jirriżulta xejn ta’ sustanza.*

*Ladarba l-anomaliji riskontri mit-Tax Compliance Unit baqgħu ma ġewx spjegati jew tal-inqas iċċarati mis-soċjetà Rikorrenti, jsegwi li l-istess soċjetà baqgħet ma ippruvatx b’mod sodisfaċenti li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta’ taxxa 01.12.07- 31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11, in kwantu rigwarda l-element ta’ Output Tax huma eċċessivi.*

*L-imsemmija stimi jittrattaw ukoll l-aspett ta’ kreditu għal* Input Tax *reklamat mis-soċjetà Rikorrenti li però ma ġiex aċċettat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud). Ir-raġunijiet għalfejn dan il-kreditu għal Input Tax ma ġiex aċċettat mit-Tax Compliance Unit u per konsegwenza mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jirriżulta ferm ċar mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit, iżda fir-rigward is-soċjetà Rikorrenti baqgħet għal kollox siekta.*

*Għal kull buon fini t-Tribunal josserva li fl-email datata 20 ta’ Jannar 2014 (fn. 26 fol. 82 tal-proċess) indirizzata lil Jesmar Bilocca, jingħad illi further to my correspondence dated 15 January 2014 and further to our meeting for review today, kindly note the following:* Rental Charges incurred including VAT thereon since both Lessor and Lessee are corporate taxpayers; the relative rent agreement has been submitted today…. Madanakollu mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit jirriżulta li the company

rented its business premises from another company, S.A.R.G. Limited (IT99230328/VAT 1527421). The rental expense was validated against the rental contract. **It was noted from the VAT system that the lessor was classified with the VAT department under Register B and did not charge VAT on the rental amount. No input VAT was in turn claimed by China Malta International (C.M.I.) Limited** *(fn. 27 enfasi tat-Tribunal).*

*Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk jirriżulta li anke in kwantu rigwarda l-element ta' Input Tax kontenut fl-istimi maħurġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, l-imsemmija soċjetà ma ppruvatx bl-ebda mod li dawn huma eċċessivi.*

*It-Tribunal josserva ulterjorment li s-soċjetà Rikorrenti tavvanza ċerta allegazzjonijiet fil-konfront tal-operat tat-Tax Compliance Unit u tar-Review Officer Jesmar Bilocca li irriżultaw għal kollox infondati.*

*Fix-xhieda tiegħu Joseph Sammut donnu jallega li fil-kors tal-investigazzjoni s-soċjetà Rikorrenti ma kenitx rappreżentata. Li dan ma huwiex assolutament minnu jirriżulta mix-xhieda ta' Wang Hui (fn. 27 Enfasi tat-Tribunal) in kwantu ġie dikjarat b'mod ċar li sal-2013 is-soċjetà Rikorrenti kienet rappreżentata fil-vertenza mat-Tax Compliance Unit mid-ditta EMD u wara kompliet tiġi rappreżentata, u dana imbagħad anke fl-istadju tar-Review, minn Joseph Sammut stess.*

*Is-soċjetà Rikorrenti - dejjem tramite Joseph Sammut - tikkontendi li r-Review Officer Jesmar Bilocca baqa' qatt ma rrisponda għat-talbiet/kritika tagħha. Dana però jirriżulta ċar li ma huwiex minnu. Fl-ewwel lok Jesmar Bilocca ddikjara li huwa kien ittratta l-punti kollha sollevati mis-soċjetà Rikorrenti fl-ewwel laqgħa tar-Review Process u meta baqgħet tinsisti fuq il-punti tagħha huwa ma kellux iktar x'jgħidilha u fit-tieni lok mir-Rapport tiegħu jirriżulta li Jesmar Bilocca kkonsidra l-punti sollevati mis-soċjetà Rikorrenti iżda ċaħadhom.*

*Il-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma aċċettax il-punti u l-kritika sollevata mis-soċjetà Rikorrenti verso r-Rapport tat-Tax Compliance Unit li jifforma l-bażi ta' l-istimi - inklużi dawk proviżorji - maħruġa fil-konfront tagħha, ma jfissirx b'daqshekk li huwa injora tali punti u ma tax kashom.*

*Punt ieħor li t-Tribunal irid jissolleva dwar is-sottomissjoni avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, ossia li* fl-aħħarnett, u dan addizjonalment mal-punti tekniċi elaborati iktar 'il fuq, is-soċjetà Rikorrenti tixtieq iġġib għall-konjizzjoni tal-Onor. Tribunal illi hija qatt ma ġiet imposta fuqha xi penali jew sanzjoni għaliex ma ħarġitx ir-riċevuti fiskali kif ukoll qatt ma ġiet suġġetta għal spezzjoni fiżika sabiex l-operat tagħha jkun magħruf b'mod preċiż u rejali fid-dawl tad-

distorsjonijiet aritmetiċi u tekniċi emerġenti waqt it-tfassil u l-finalizzazzjoni tar-Rapport tat-TCU. *L-osservazzjoni tat-Tribunal hija fir-rigward tal-affermazzjoni illi hija qatt ma ġiet imposta fuqha xi penali jew sanzjoni għaliex ma ħarġitx riċevuti fiskali. Din l-affermazzjoni ma hija xejn għajr allegazzjoni li, bħall-kumplament, ma ġietx debitament ippruvata. In effetti ma tistax titqies mod ieħor stante li huwa prinċipji assodat fis-sistema ġuridika nostrali li dak li jingħad waqt it-trattazzjoni (inluż għalhekk dak sottomess fin-Noti ta' Sottomissjonijiet) ma jikkostitwixxix prova. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Josephine mart Vincent Sammut et v. Lorenzo Agius et, Ċitaz. Nru. 367/93 deċiża fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001, fejn appuntu ngħad illi*: dak li jingħad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova (App. Ċiv. Chircop v. Dr. Fr. Frendo Randon noe 12/10/79) u għalhekk l-atturi ma jistgħux fit-trattazzjoni tagħhom jagħmlu provi u jġibu difiżi li ma tqajjmux waqt il-kawża.

*Huwa evidenti għalhekk illi l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 ma huwiex ġustifikat, la fir-rigward tal-aggravju preliminari u lanqas fil-mertu, u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.*

*Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-aggravju preliminari sollevat mis-soċjetà Rikorrenti, jiċħad ukoll l-aggravju fil-mertu, b'dana għalhekk li jiċħad l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10, 01.12.10-28.02.11, 01.03.11-31.05.11, 01.06.11-31.08.11 u 01.09.11-30.11.11 fl-intier tiegħu u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tas-soċjetà Rikorrenti.*

*A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.*

**L-Appell**

11. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fl-10 ta' Novembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tbiddel is-sentenza appellata, u tilqa' l-appell intavolat minnha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

12. L-appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal għaliex fil-fehma tagħha dan kellu jilqa' l-aggravju preliminari tagħha sabiex jiddikjara l-istejjem impunjati bħala nulli u bla effett stante li ħarġu mingħajr motivazzjoni. L-appellanta għamlet riferiment għall-parti tas-sentenza li tirreferi għad-deċiżjoni vera u proprja tad-Direttur Ġenerali appellat, u saħqet li fuq l-istejjem provviżorji ma jsir l-ebda appell quddiem it-Tribunal, u huwa biss bil-ħruġ tal-istejjem finali li jiskatta l-proċess u d-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal. Qalet li l-istejjem finali li fuqhom seta' jiġi intavolat l-appell quddiem it-Tribunal, inħarġu permezz tal-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014, filwaqt li kontra l-Avviż tad-19 ta' Frar, 2014, jiġifieri kontra l-istejjem provviżorji, ma seta' jsir l-ebda appell. L-appellanta qalet li dan għaliex l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma jirrikonoxxix din il-fażi bħala t-tmiem tal-iter tas-setgħat mogħtija lid-Direttur Ġenerali li joħroġ stimi, u filwaqt li l-iter tal-istejjem provviżorji huwa regolat bis-subinċiżi (1) u (2) tal-artikolu 32 tal-Att, l-istejjem finali huma regolati bis-subinċiżi (3) u (4) tal-artikolu 32 tal-Att. Żiedet tgħid li l-istima proviżorja hija proviżorja, u s-subinċiż (5) jagħti dritt lill-appellat Direttur Ġenerali li jikkanċella kull stima proviżorja li jkun ħareġ. Qalet ukoll li huwa l-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014 li jagħmel riferiment għall-artikolu 32(3) tal-Att, u mhux l-Avviż tad-19 ta' Frar, 2014 li jiċċita t-Tribunal.

13. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-każ ta' **South Bucks District Council v. Porter** li jagħmel riferiment għalih it-Tribunal, jittratta *Town and Country Planning legislation* u ġie deċiż mill-House of Lords fl-1 ta' Lulju, 2004, meta l-ġurisprudenza tagħna hija rikka u illuminanti f'dan ir-rigward. L-appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie ppuntwalizzat il-prinċipju li ċittadin għandu jkun jaf fuq liema kriterji u abbażi ta' liema raġunament ittieħdet deċiżjoni fil-konfront tiegħu, u d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) huwa mistenni li imqar jagħti ħjiel tal-elementi li fuqhom ikun ibbaża d-deċiżjoni tiegħu. L-appellanta qalet ukoll li dawn huma drittijiet fundamentali, u l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jgħid li kull persuna għandha jedd li dak kollu li jikkonċerna lilha jiġi ttrattat b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni Ewropea. Dan id-dritt jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema', qabel tittieħed kwalunkwe miżura li taffettwaha negattivament; id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-*file* li jikkonċernaha, u l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. L-appellanta qalet li għalhekk hija ma tistax tifhem kif it-Tribunal ma kkunsidrax li n-nuqqas tal-appellat Direttur Ġenerali li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu li joħroġ stejjem finali, kien qiegħed jippreġudika l-prinċipju fundamentali li l-partijiet jitqiesu b'mod ugwali quddiem il-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. L-appellat wieġeb li preliminarjament, ir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta għandu jitqies li huwa irritu u null stante li legalment improponibbli,

u dan minħabba dak li jgħid l-artikolu 47(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li appelli jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. L-appellat qal li dan mhux jingħad b'mod fieragħ. Huwa għamel riferiment għall-fatt li s-soċjetà rikorrenti kienet ressqet l-aggravju preliminari tagħha quddiem it-Tribunal dwar il-validità o meno tal-istejjem, peress li skontha d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ma kinitx immotivata. Qal li t-Tribunal kellu l-mansjoni jiddetermina jekk din l-eċċezzjoni kellhiex tintlaqa' jew le. Żied jgħid li t-Tribunal għamel l-analiżi u l-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar dan l-aggravju preliminari, u permezz ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal ried jiddetermina jekk l-ittra annessa mal-istejjem kinitx tikkostitwixxi deċiżjoni mmotivata jew le. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta qegħda tikkontendi li l-ittra li kellha tkun immotivata kienet dik tal-4 ta' Marzu, 2014, it-Tribunal ikkonsidra dan u wasal għall-konklużjoni li l-ittra li kellha tkun immotivata kienet dik tad-19 ta' Frar, 2014. L-appellat qal li kienu dawn il-konsiderazzjonijiet u d-dokumentazzjoni ppreżentata minnu, li wasslu lit-Tribunal jiddeċiedi li l-aggravju preliminari sollevat mis-soċjetà rikorrenti ma kellux jagħmel stat ta' fatt fil-konfront tad-Direttur Ġenerali intimat, u għaldaqstant ġie miċħud. L-appellat żied jgħid li l-ittra ġġudikata mit-Tribunal bħala dik li kienet qegħda tinforma lis-soċjetà appellanta bid-deċiżjonijiet li wasslu lill-appellat joħroġ l-istejjem, m'hi xejn għajr ittra mibgħuta mill-uffiċjal inkarigat sabiex jieħu ħsieb l-istadju tar-*review* li kien mitlub mis-soċjetà appellanta stess. L-appellat qal li minkejja dan kollu, is-soċjetà appellanta għadha qegħda tikkontesta d-deċiżjoni tat-Tribunal, u tittenta ttiha sembjanza legali billi tiċċita każistika tal-Qorti Ewropea u tagħmel riferiment għall-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. L-appellat qal li dan huwa kollu ħela ta' ħin stante li l-appellanta qegħda tibbaża

l-appell tagħha biss fuq punti ta' fatt. Saħaq li s-soċjetà appellanta ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha d-Direttur Ġenerali appellat naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni li wasslitu sabiex joħroġ l-istejjem li waslu għall-vertenza quddiem it-Tribunal, u t-Tribunal wara li evalwa x-xhieda u għamel il-konsiderazzjonijiet legali tiegħu, wasal għad-deċiżjoni li dak allegat mis-soċjetà appellanta ma kienx minnu. L-appellat qal li għalhekk din il-Qorti għandha tirrifjuta li tisma' dan l-appell stante li huwa legalment improponibbli.

15. L-appellat għamel riferiment għall-fatt li s-soċjetà appellanta applikat sabiex tibda l-attività ekonomika tagħha fil-15 ta' Ġunju, 2007, u din l-attività kienet tikkonċerna t-tmexxija ta' ristorant. Qal li l-appellanta naqset milli tagħti informazzjoni siewja dwar min kienu l-impjegati tagħha, imma kien biss fl-istadju tal-appell li hija qajmet il-lanjanza li l-ebda uffiċjal tal-appellat ma mar fl-istabbiliment tagħha fiżikament. L-appellat qal li huwa kien iddelega lit-*Tax Compliance Unit* sabiex tibda investigazzjoni fil-konfront tas-soċjetà appellanta, u dan talab għadd ta' spjegazzjonijiet li baqa' mingħajr risposta għalihom. Minkejja dan, is-soċjetà appellanta baqgħet inadempjenti. L-appellat qal li mill-investigazzjoni li saret, irriżulta li s-soċjetà appellanta naqset milli tiddikjara l-*Output VAT* u ddikjarat ż-żejjed l-*Input VAT.* Ġie stabbilit ukoll li 78% tad-depożiti li għamlet kienu ġejjin mis-sistema EPOS tar-ristorant, li huwa indikatur li meta klijent kien iħallas bi flus kontanti, l-appellanta ma kinitx qiegħda tiddikjara l-bejgħ kollu. L-appellat qal li dan irid jingħad fl-isfond tal-fatt li bejn l-2008 u l-2010, id-depożiti bankarji tagħha kienu akbar mill-bejgħ iddikjarat fl-*Audited Financial Statements* tal-kumpannija. L-appellat qal li hemm diskrepanzi anki bejn iż-*Z readings* mill-*cash register* tal-appellanta u d-denunzji

tat-taxxi tagħha. L-appellat għamel riferiment għall-fatt ukoll li fl-14 ta' April, 2010, is-soċjetà appellanta ġiet ikkundannata tħallas multa wara li ġie stabbilit li din naqset milli toħroġ xi rċevuti fiskali. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ma ssemmix li kienet bdiet diskussjonijiet dwar il-possibilità li tirrevedi d-denunzji tagħha, u minkejja li ngħata diversi appuntamenti biex tagħmel dan, baqgħet ma tfaċċatx, u l-appellat ma kien fadallu xejn x'jagħmel ħlief li jinnotifikaha bl-istejjem provviżorji. L-appellat qal ukoll li huwa kien kiteb lis-soċjetà appellanta fit-13 ta' Novembru, 2013, fejn kien infurmaha bl-eżitu ta' din l-investigazzjoni, u ma' din l-ittra kien hemm mehmuża l-istejjem proviżorji u estratt mir-rapport tal-investigazzjoni. L-appellanta ġiet innotifikata b'dawn id-dokumenti fl-20 ta' Novembru, 2013, u fit-28 ta' Novembru, 2013 din talbet li jsir *review.* L-appellanta dakinhar allegat li hija ma kinitx qegħda taqbel ma' dawn l-istejjem għaliex fil-fehma tagħha dawn kienu invalidi fil-fatt u fid-dritt, u nħarġu fuq premessi u assunzjonijiet żbaljati. L-appellat qal li fit-3 ta' Diċembru, 2013, huwa talab lis-soċjetà appellanta tispjega għal liema raġuni hija ma kinitx qegħda taqbel ma' dawn l-istejjem, kif ukoll talabha tagħti r-raġunijet għalfejn kienet naqset li tipprovdi l-informazzjoni mitluba minnha fl-istadju tal-investigazzjoni. Qal li fir-*review* saru żewġ laqgħat bejn Jesmar Bilocca u Joseph Sammut, li kien l-aġent tal-appellanta, u li wkoll baqa' inadempjenti meta ntalab jagħti l-informazzjoni. L-appellat qal li quddiem din l-attitudni, l-unika għażla li huwa kien fadallu kienet li jikkonferma l-istejjem proviżorji fl-intier tagħhom, u dan għall-ħarsien tal-erarju pubbliku. L-appellat qal ukoll li l-aġir tas-soċjetà appellanta bl-ebda mod ma jeżoneraha mill-obbligi legali imposti fuqha, fost l-oħrajn mill-fatti li rriżultawlu fl-investigazzjoni li kien mexxa, u li issa s-soċjetà appellanta trid iġġorr il-konsegwenza legali għal dak li

għamlet.

16. B'riferiment għall-aggravju tas-soċjetà appellanta fil-mertu, l-appellat qal li dan l-aggravju huwa inammissibbli stante li jikser id-dettami tal-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija waħda fattwali, u t-Tribunal daħal fil-mertu tal-aggravju preliminari, evalwa l-evidenza dokumentarja, evalwa x-xhieda mressqa mill-partijiet, u għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal dan, żied l-appellat, l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta ma jagħmilx stat fil-konfront tiegħu, u dan għaliex l-appell quddiem din il-Qorti minn xi waħda mill-partijiet li tħossha aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal, jista' jsir biss fuq punt ta' liġi. L-appellat qal li dan ma seħħx fil-każ odjern, stante li l-appell huwa msejjes fuq punti fattwali. Qal ukoll li huwa m'għandux ikun inkolpat bi kwalunkwe ħtija għan-nuqqasijiet tas-soċjetà appellanta, partikolarment meta din naqset, fi tliet istanzi separati, milli tissottometti d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex tissostanzja l-argumentazzjoni tagħha. L-appellat fakkar ukoll li fil-kamp fiskali, l-oneru tal-prova huwa fuq il-pagatur tat-taxxa, u għalhekk hija s-soċjetà appellanta li trid tipprova li l-appellat, fl-applikazzjoni tal-liġi, wasal għal konklużjonijiet żbaljati.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravju waħdieni sollevat mis-soċjetà appellanta, li ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal kellu jilqa' l-aggravju preliminari tagħha li l-istejjem mibgħuta lilha għal sbatax-il perijodu ta' ħlas ta' taxxa, huma nulli u bla effett stante li ma ġewx immotivati mill-appellat. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li mill-istejjem proviżorji li ġew

notifikati lilha, ma jista' jsir l-ebda appell quddiem it-Tribunal, u huwa biss bil-ħruġ tal-istejjem finali li skatta l-proċess li permezz tiegħu hija setgħet tappella mid-deċiżjoni tal-appellat. Qalet li l-istejjem finali huma dawk li nħarġu bl-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014, u mill-Avviż mibgħut lilha fid-19 ta' Frar, 2014 hija m'għandha l-ebda dritt ta' appell, u d-Direttur Ġenerali appellat kellu dritt jikkanċella jew jirrevedi kull stima proviżorja maħruġa qabel dik mibgħuta bl-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014. Is-soċjetà appellanta sostniet li ċittadin għandu dritt ikun jaf fuq liema kriterji ttieħdet deċiżjoni li tikkonċerna lilu, u dan huma dritt fundamentali stante li anki l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprovdi għad-dritt ta' kull persuna li tiġi ttrattata b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli.

18. Qabel tidħol fil-mertu tal-aggravju tas-soċjetà appellanta, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mill-appellat, li jgħid li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa improponibbli stante li mhux ibbażat fuq punti legali, iżda fuq elementi fattwali. L-appellat jgħid illi dan imur kontra dak li jipprovdi l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex korretta għaliex dan kellu jsib li l-istima finali li minnha biss hija setgħet tappella, hija dik li kienet annessa mal-Avviż tal-4 ta' Marzu, 2014, u dan l-Avviż kien nieqes mill-motivazzjoni. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonsidra d-dokumentazzjoni u l-ispjegazzjoni mogħtija mal-Avviż mibgħut lilha fid-19 ta' Frar, 2014, għaliex dak l-Avviż kien fih biss stejjem proviżorji li minnhom hija ma kellha l-ebda dritt ta' appell. Fil-fehma tal-Qorti, id-deċiżjoni mogħtija mit-

Tribunal ma kinitx limitata biss għal apprezzament tal-fatti, u l-lanjanza tas-soċjetà appellanta f'dan l-istadju hija bbażata fuq il-fehma tagħha li ma kienx hemm ħarsien tad-disposizzjonijiet tal-liġi, kif ukoll li hemm ksur tal-jedd tagħha li l-każ tagħha jiġi ttrattat b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli. Il-Qorti għalhekk sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu.

19. Għandu jirriżulta mis-sekwenza tal-fatti kif seħħew, li wara li s-soċjetà appellanta applikat fl-2007 sabiex tibda attività ekonomika, kien hemm żmien fejn l-awtoritajiet fiskali ħassew il-ħtieġa li jagħmlu investigazzjoni tad-dikjarazzjonijiet fiskali li kienu qegħdin isiru mis-soċjetà appellanta, u dan għaliex uħud mid-dikjarazzjonijiet li saru minnha, qajla kienu jagħmlu sens. Fil-fatt inbdiet investigazzjoni mit-*Tax Compliance Unit,* u fit-13 ta' Novembru, 2013, is-soċjetà appellanta ġiet infurmata li saru għadd ta' stejjem proviżorji li ġew proposti mit-TCU. Is-soċjetà appellanta ġiet infurmata wkoll li hija kellha dritt titlob għal *review* ta' dawn l-istejjem proviżorji fi żmien tletin ġurnata min-notifika lilha tal-Avviż. Is-sommarju tal-istejjem mibgħuta lis-soċjetà appellanta kienu jinkludi l-kalkoli tat-TCU u l-ispjegazzjoni tat-TCU. Sa minn stadju daqstant bikri tar-relazzjoni bejn il-partijiet allura, is-soċjetà appellanta nżammet infurmata bir-raġuni għalfejn hija kienet qegħda tiġi investigata, u bil-lanjanzi tal-appellat fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet preċedenti li saru minnha. Fid-9 ta' Diċembru, 2013, l-appellat talab lis-soċjetà appellanta tispjega għal liema raġunijiet hija ma kinitx qegħda taqbel mal-istimi proviżorji mħejjija minnu. Segwew laqgħat u tentattivi ta' laqgħat li iżda ma rnexxewx, minħabba l-inadempjenza tas-soċjetà appellanta. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà appellanta baqgħet ma pprovdietx l-informazzjoni mitluba mingħandha, sakemm fid-19 ta'

Frar, 2014 hija ġiet infurmata formalment bl-istejjem proviżorji li tħejjew in vista tan-nuqqas ta' evidenza pprovduta minnha:

> *"... due to the lack of sufficient and reliable evidence it was concluded to raise the respective assessments. The assessments will be sent in due course."*

20. It-Tribunal qies li sa mill-istadju l-aktar bikri tal-investigazzjoni li saret, is-soċjetà appellanta nżammet infurmata bil-kwistjonijiet li dwarhom it-TCU u l-appellat kellhom dubji u oġġezzjonijiet, kif jirriżulta anki mir-*Review Report* esebit in atti. Fost l-oħrajn kien hemm diffikultajiet għaliex għall-ewwel sentejn u nofs, ġie ddikjarat li tħallsu aktar flejjes f'salarji milli ġie ġġenerat bejgħ, is-*shareholders' loans* żdiedu b'mod konsiderevoli, l-evidenza kienet qiegħda turi li l-bejgħ ma kienx qiegħed jiġi rreġistrat kollu, id-depożiti bankarji kienu jeċċedu l-bejgħ iddikjarat, u ġie rreġistrat volum baxx ta' bejgħ, anki matul perijodi fejn l-attività ekonomika suppost tkun fl-aqwa tagħha, bħal ma huwa żmien il-Milied. Ingħad ukoll li kien hemm proporzjon għoli ta' xiri u *overheads* meta mqabbel mal-volum tal-bejgħ. Ġie asservat ukoll li s-soċjetà appellanta ddikjarat li kellha *opening stock* fl-2007, u dan meta din kienet l-ewwel sena tal-operat tagħha, u quddiem dan kollu, it-TCU talbet spjegazzjoni mingħand is-soċjetà appellanta sabiex din tiġġustifika dawn l-anomaliji li rriżultaw. Minkejja dan, tali spjegazzjonijiet u provi baqgħu ma ngħatawx, u kien għalhekk li d-Direttur Ġenerali appellat silet il-konklużjonijiet tiegħu quddiem in-nuqqas ta' spjegazzjoni tas-soċjetà appellanta.

21. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-obbligu da parti tal-appellat li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu, u dan għaliex is-soċjetà appellanta

ċertament li ma tistax tilmenta mill-fatt li hija ma kinitx taf fuq liema premessi u għal liema raġunijiet ittieħdu id-deċiżjonijiet mill-appellat fil-konfront tagħha. Is-soċjetà appellanta ma kkonformatx mat-talbiet li sarulha sabiex tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni, u naqset milli tagħmel mezz sabiex tattendi għal-laqgħat imsejħa minn uffiċjali tat-*Tax Compliance Unit.* Hawn il-Qorti tfakkar li fil-kamp fiskali, l-oneru tal-prova huwa fuq il-pagatur tat-taxxa, u s-soċjetà appellanta ma tistax tilmenta li ma kinitx taf b'dan l-obbligu, meta jirriżulta li hija kienet assistita minn professjonisti fil-qasam fiskali sa minn meta bdiet tiġi investigata. Il-Qorti tosserva li f'każijiet ta' din ix-xorta, ikun inutli li parti tiġi quddiem il-Qorti u tilmenta minn ksur tad-drittijiet tagħha, meta jirriżulta li din naqset milli tonora l-obbligi tagħha u li tassisti fl-investigazzjoni li kienet qegħda ssir dwarha. Irrispettivament liema Avviż kellu jkun immotivat, jekk hux dak ta' Frar, 2014, jew dak ta' Marzu, 2014, l-appellanta ma tistax tgħid li hija ma kinitx mgħarrfa bir-raġunijiet għalfejn hija ġiet investigata, jew għal liema raġunijiet ittieħdu fil-konfront tagħha id-deċiżjonijiet mill-appellat. Minkejja li kienet taf b'dan kollu iżda, is-soċjetà appellanta m'għamlet xejn sabiex tipprova tikkonvinċi lid-Direttur Ġenerali appellat li l-istejjem proviżorji maħruġa kellhom jiġu mibdula jew irtirati, u minflok baqgħet sal-aħħar tisfida u tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni li kien fl-interess tagħha li tipprovdi. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tat-Tribunal, u sejra tikkonfermaha fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**